Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 691/2014/1

**Seaview and Sons Limited [C 24540] (appellanti)**

**Vs**

**Mary Rose Worley [I.D. 88951 M] (appellat)**

6 ta' Dicembru 2016.

Permezz ta' avviz ta' talba, il-kumpannija attrici talbet lit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar sabiex l-intimata thallas is-somma ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900), liema somma tirraprezenta servizzi resi lilha fuq ordni taghha stess lill-kumpannija attrici, bl-ispejjez u l-interessi legali kollha sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li kienet ingunta ghas-subizzjoni.

Permezz ta' risposta, l-intimata wiegbet illi hi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija qatt ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mal-kumpannija attrici u li ricentament kien jidher illi l-ammont pretiz huwa dovut minn certu Nagi Al Maraash.

Permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar, datata fl-20 ta' Frar, 2015, cahad it-talba attrici.

Illi l-kumpannija attrici hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u appellat. Illi l-aggravji jikkonsistu fis-segwenti:-

1. Illi fis-sentenza tieghu, it-Tribunal cahad it-talba attrici ghaliex fil-fehma tieghu t-talba kif mitluba ma gietx ippruvata u dan peress illi l-kumpannija attrici, illum appellanti, talbet hlas ghal servizzi rezi lill-intimata fuq ordni taghha stess, u qatt ma xtrat jew ordnat minghand il-kumpannija attrici;

2. Illi l-kumpannija attrici appellanti ma setat qatt tkun taf x'kienet ir-relazzjoni li kien hemm bejn il-konvenuta u din it-terza persuna Nagi Al Maraash u dan ghaliex ic-cekkijiet li hija rceviet kienu tal-intimata stess;

3. Illi l-fatti kif hawn elenkati f'dan l-appell gew determinati wara li nstemghet ix-xhieda tal-intimata u mhux qabel il-kawza, u kien anki ghalhekk illi t-talba giet formulata b'dan il-mod, cioe' illi servizzi rezi lill-intimata kien *"fuq ordni taghha stess";*

4. Illi filwaqt illi l-kumpannija appellanti tirrikonoxxi illi t-talba setat giet formulata ahjar, dan kien rizultat biss ta' fatti li ma setghu qatt jigu a konoxxenza tal-kumpannija appellanti qabel ma nstemghet ix-xhieda tal-intimata u ghalhekk tali nuqqas sar purament kawza ta' nuqqas ta' informazzjoni fic-cirkustanzi ta' dak iz-zmien, li ma jistghux jigu attribwiti ma' negligenza izda purament inkonsapevolezza ta' fatti ulterjuri;

Fis-sentenza appellata t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ddecieda kif gej:

*"It-Tribunal wara li semgha z-zewg partijiet isibha difficli jemmen illi Nagi Al Maraash xtara l-fuel minghand is-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900.00). Biex tiehu dak l-ammont kollhu f'salt wiehed huwa daqsxejn inkredibbli*

*u jekk dawn hallashom bil-mod xorta s-socjeta' attrici tibqa' mhix kredibbli li baqghet taccetta cekkijiet minghajr ma sarfet l-ewwel wiehed.*

*Min naha l-ohra l-konvenuta kienet ingenwa meta hallset permezz ta' cekk u regghet hallset bil-cash filwaqt illi halliet ic-cekkijiet jigru fl-idejn.*

*Madanakollu t-Tribunal jara illi t-talba kif mitluba ma gietx ippruvata u dan peress illi l-attur talab hlas ghal servizz rezi lill-konvenuta fuq ordni taghha stess. Il-konvenuta qatt ma xtrat jew ordnat minghand is-socjeta' attrici u dan il-fatt ikkonfermawh iz-zewg partijiet. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' it-talba attrici u filwaqt li jichadha jillibera lil konvenuta minn kull hlas.*

*Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici."*

Il-qorti qrat l-atti.

## Konsiderazzjoni tal-aggravji.

1. Ghal dawk li huma provi, dawn huma skarsi. Kull m'hemm fl-atti huma:

   (i) Kopja ta' erba' cekkijiet iffirmati mill-konvenuta: 6 ta' Lulju 2012 ghas-somma ta' €350 favur Vincent Micallef; 6 ta' Lulju 2012 ghas-somma ta' €450 favur *Pitstop*; 14 ta' Lulju 2012 ghas-somma ta' €350 favur *Pitstop Service Complex*; u 9 ta' Lulju 2012 ghas-somma ta' €750 favur *Pitstop Service Complex*;
   (ii) Deposizzjoni qasira ta' Franridge Schembri (fol. 20);
   (iii) Deposizzjoni qasira tal-konvenuta (fol. 23);

2. L-azzjoni tal-attrici hi bazata fuq servizz li qalet li tat lill-konvenuta, fuq ordni tal-istess konvenuta. Mill-ftit provi li tressqu hu evidenti li l-attrici ma tatx servizz lill-konvenuta.

3. Ghalkemm l-attrici ssostni li qatt ma setat tkun taf x'relazzjoni kien hemm bejn Nagi Al Maraash u l-konvenuta[1], pero' kienet taf li ma tatx servizz lill-konvenuta. Ir-relazzjoni li seta kien hemm bejn Al Maraash u l-konvenuta hi rrilevanti meta tikkunsidra li t-talba tal-hlas hi bbazata

[1] Ara paragrafu numru 2 tal-aggravji (fol. 2).

fuq il-premessa li l-attrici tat servizz lill-konvenuta fuq ordni taghha stess. Ghalkemm fir-rikors tal-appell intqal, *"Illi l-fatti kif hawn elenkati f'dan l-appell gew determinati wara li nstemghet ix-xhieda tal-konvenuta u mhux qabel il-kawza, u kien anki ghalhekk illi t-talba giet formulata b'dan il-mod, cioe illi servizzi rezi lill-konvenuta kien fuq ordni taghha stess"*, din it-tezi m'hijiex valida. L-attrici sa minn qabel ipproponiet il-kawza kienet taf ma' min ghamlet negozju.

4. Il-qorti tinnota wkoll li l-ebda wiehed mill-erba' cekkijiet li ffirmat il-konvenuta m'huma f'isem l-attrici bhala *payee*.

5. Hu minnu li Franridge Schembri xehed li kien tkellem mal-konvenuta u qaltlu li ser thallas bil-mod. Pero' dan il-fatt gie michud mill-konvenuta. M'hemmx provi li jaghmlu l-verzjoni ta' Schembri iktar kredibbli minn dik tal-konvenuta.

6. It-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma x-xhieda *viva voce*. Fir-rikors tal-appell ma nghatat l-ebda raguni valida ghalfejn din il-qorti ghandha tvarja l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

    i. Fis-sentenza jissemma li Franridge Schembri qal li, *"... kien mar ghandu certu Nagi Al Maraash u wara li xtara fuel hallas permezz ta' cekkijiet fl-ammont mitlub ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900)"*. Fatti li fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Schembri ma jissemmewx. Gialadarba l-provi nstemghu quddiem it-Tribunal, kien fl-ahjar posizzjoni biex jistabbilixxi x'kienu l-fatti.

    ii. Hu evidenti li t-Tribunal emmen lill-konvenuta li qalet li halset lil Nagi Al Maraash permezz ta' flus kontanti. Dan ovvjament wassal ghal estinzjoni tal-obbligazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.